MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2010

Numru. 168/2009

**Il-Pulizija**
**[Spettur Anne Marie Micallef]**

**vs**

**Joanna Portelli Corser**

**Kumpilazzjoni Numru: 168/2009**

**Illum 29 ta' Settembru 2010**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Joanna Portelli Corser, ta' 39 sena, bint Dennis u Magdalene nee' Vella, imwielda nhar l-10 ta' Marzu, 1969 u li toqghod Ent E Flat 5, Binja tas-Sghajtar, Triq it-Tuffieh, Naxxar, u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 116869M.

Akkuzata talli fit-13 ta' Mejju 2008, ghall-habta ta' 8:00am, fi Triq l-Empire Stadium, Gzira saqet vettura Numru FUN 369 b' manjiera traskurata, perikoluza, u bla kont;

Kif ukoll b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkagunat offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Rosaria Vassallo skond kif iccertifikat Dr. Ruth Mangion M.D ta' MDH.
.
Il-Prosekuzzjoni talbet li tigi skwalifikata mill-licenzji kollha taghha tas-sewqan.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputata biex tigi gudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Krimminali kif mahsub:
a) f'l-artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) f'l-artikoli 15(1)(a), 15(2) u 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) f'l-artikoli 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputata ma kelliex oggezzjoni li l-kawza titkompl bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh nhar it-13 ta' Mejju 2008 meta l-imputata kienet qed tipparkja l-vettura taghha fi Triq l-Empire Stadium Gzira. Il-parte leza spjegat li hija kienet mixja fuq il-bankina meta hasset daqqa man-naha ta' wara, bid-daqqa waqat u giet taht il-bankina u saqajha inqabdet mar-rota tal-vettura. L-imputata min-naha l-ohra tghid li hija kienet qed tipparkja; kienet qed tiddritta l-vettura taghha mal-bankina bil-kemm ticcaqlaq. L-imputata kienet qed tipparkja tul il-bankina; quddiemha kien hemm vettura ohra u man-naha ta' wara kien hemm rampa li taghti ghal garaxx. L-imputata qalet ukoll li hija rat

lill-parte leza miexja fuq il-bankina ma’ genb il-vettura taghha; meta il-parte leza ghaddiet il-vettura l-imputata semghet xi hadd jghid ajma harset mill-mera u rat lill-parte leza ma’l-art fuq ir-rampa li kien hemm wara l-vettura.

Illi dawn kienu l-unici zewg xhieda okkulari li taw d-depozizzjoni taghhom. Tressqu xi membri tal-familji rispettivi pero d-depozizzjoni taghhom ma titfa l-ebda dawl fuq id-dinamika ta’l-incident. Id-depozizzjoni ta’ dawn il-persuni hija rakkont ta’ diskors li ntqal, jew avvenimenti li graw wara l-incident, intieza biex kull parti tiskredieta lill-parti l-ohra.

Illi ghal dak li jikkoncerna kredibilita tax-xhieda l-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghmel xi osservazzjonijiet dwar id-depozizzjoni tal-parte leza. Hareg car mid-depozizzjoni taghha li Rosaria Vassallo giet preparata biex tirrakkonta certi fatti pero ma rrispondiet l-ebda domanda ohra li hi ma kenitx preparata ghaliha. In oltre l-komportament taghha waqt id-depozizzjoni taghha indika li hija kienet qed tfittex l-approvazzjoni, ta’ xi familjari taghha li kienu prezenti, fir-rigward ta’ dak li kienet qed tghid.

Illi minbarra l-komportament taghha waqt id-depozizzjoni hemm fattur iehor li jinfluwixxi fuq il-kredibilita ta’ din x-xhud u dan jirrefferi ghall-verosimiljanza tal-verzjoni mghotija minnha. Hija tghid li kienet fuq il-bankina u li ma kellha l-ebda hsieb li taqsam, qalet ukoll li l-vettura laqtietha minn wara. Jekk din il-verzjoni hija korretta allura bil-fors ghandu jigi prezunt li l-imputat saqet il-vettura taghha ghal fuq il-bankina, laqtet lil Vassallo x’imkien fil-parti ta’ wara ta’ gisimha, u din waqet taht il-bankina b’l-impatt.

Illi jirrizulta mic-certifikati medici li Vassallo kellha griehi f’wiccha (dbengil u grif), tfekkiek fil-polz xellugi, u ksur f’l-ghaksa l-leminija. Fil-fehma tal-Qorti dawn il-griehi huma kompatibbli ma’ waqa; fis-sens li l-griehi fil-wicc huma rizultat ta’ l-impatt ma’l-art fil-waqt li l-griehi fil-polz irrizultaw ghaliex pruvat tilqa ghal-waqa’ b’idejha; mhux eskluz li mal-waqa saqajha verament giet mar-rota tal-vettura misjuqa mill-imputata. F’dan il-kuntest ta’ min

wiehed jirrileva pero li Vassallo ma kellha l-ebda griehi man-naha ta' wara ta' gisimha jew almenu ma' genbha li kellhom jirrizultaw konsegwenza ta'l-impatt mal-vettura.

Illi tenut kont tas-suespost il-Qorti mhiex sodisfatta li l-fatti graw kif irrakkontat l-parte leza; imma huwa aktar verosimili dak li qalet l-imputata li Vassallo waqghet u ntlaqtet bil-vettura wara li waqghet propju ghaliex bil-waqa giet mar-rota tral-vettura. Konsegwentement ma jirrizultax li l-imputata b'xi mod kienet negligenti jew li naqset li thares xi regoli tat-traffiku. Lanqas ma jirrizulta li l-imputata kienet qed issuq b'mod perikoluz, bla kont jew negligenti.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u tilliberaha minnhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------